

Ħarġa numru 15: Diċembru, 2013

il-pont

miġbura minn Patrick Sammut

# Editorjal

Reazzjonijiet għal wara l-Festival tal-Ktieb li din is-sena seħħ bejn it-12 u s-17 ta' Novembru f'Dar il-Mediterran, fil-Belt. Din is-sena jiena tlajt darbtejn u fiż-żewġ każi ħassejt ċerta apatija ġenerali min-naħa tal-pubbliku in ġenerali. Nistaqsi, hi biss impressjoni tiegħi li ġeneralment il-pubbliku naqas u naqsu ħafna iktar ix-xerrejja tal-ktieb? Kien hemm biss iktar moviment – għalkemm għomru qasir - sakemm kien qed iżur il-post u xi wħud mill-istands xi politiku bil-kamera tiġri warajh. Anki f'dan il-każ lill-politiku li jżur il-Festival tal-Ktieb ikunu diġà ppjanawlu l-itinerarju ta' liema *stands* igawdu l-barka tiegħu. Mistoqsija oħra: hi biss l-impressjoni tiegħi li meta l-iskejjel iżuru l-Festival tal-Ktieb l-istudenti jiġu b'xi mod diretti mill-għalliema tagħhom biex iżuru biss ċerti *stands* ta' djar tal-pubblikazzjoni magħrufa biex jixtru minn hemm filwaqt li jiġu mwarrba kompletament *stands* oħrajn li setgħu offrew prodott tal-istess livell jew saħansitra aħjar? Hija ħaġa tal-iskantament – qed nesaġera hux hekk? – kif f'idejn dawn l-istudenti tara biss kotba tas-soltu ftit awturi li jgawdu l-barka tal-mezzi tal-komunikazzjoni.

Pozittiva ħafna kienet l-atmosfera fejn il-pubbliku seta' jiltaqa' ma' numru ta' kittieba li kienu preżenti u ffirmaw ukoll xi pubblikazzjonijiet minn tagħhom. Pożittiv ukoll kienu l-għadd ta' attività li ttellgħu. Ħassejt però l-bżonn li jitwaħħal *screen* kbir ċentrali fejn setgħu jitħabbru kontinwament l-attivitajiet li jkunu għaddejjin jew se jseħħu sabiex b'hekk jistiednu lin-nies preżenti biex tipparteċipa. Pożittiva wkoll kienet il-preżenza tal-Għaqdiet tal-Malti bi *stands* armati b'ċerta serjetà u b'membri tagħhom disponibbli li jagħtu għajnuna u tagħrif dwar l-attivitajiet tal-Għaqdiet ikkonċernati.

Inħoss li ż-żgħażagħ u t-tfal fl-iskejjel, imma anki l-pubbliku in ġenerali, għandhom jiġu ppreparati ħafna aħjar biex mis-sena d-dieħla jkun hemm attendenza u parteċipazzjoni iktar b'saħħitha. Ma tkunx idea ħażina kieku jintbagħtu uffiċċjali mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u persuni oħrajn fl-iskejjel u fil-kulleġġi madwar il-gżejjer Maltin sa minn Ottubru biex jippromwovu l-avveniment u jħajru lill-eluf ta' studenti jattendu l-Festival tal-Ktieb u jixtru anki xi ktieb jew tnejn. Inkella għalxejn niftaħru bil-livell ta' edukazzjoni u bil-binjiet li qed nifthu biex inżidu dejjem iktar in-numru ta' studenti.

L-aħħar żewġ affarijiet. Naf li l-Kunsill tal-Ktieb nieda rivista apposta imma fiż-żewġ okkażjonijiet li mort jiena ma rajt ebda promozzjoni tagħha. Għadni s'issa nixtieq nakkwista kopja imma ma nafx kif għandi nagħmel. Napprezza jekk xi ħadd jgħidli. Hija wkoll ironika tassew li s-sit uffiċjali tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb kien temporanjament – għadu s'issa - f'fażi ta' rikostruzzjoni u għalhekk magħluq proprju waqt il-Festival tal-Ktieb. Bilħaqq Fiera jew Festival?

# L-AĦBARIJIET

**TAĦDITA DWAR IT-TLISSIN TAL-KELMA *JAQRAHA***

Nhar il-Ġimgħa 31 ta' Ottubru, fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu (NCC), il-Ħamrun, l-Akkademja tal-Malti u d-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku organizzaw it-taħdita "Int kif tlissinha *jaqraha*?" Il-kelliema kienet Christina Sammut li kisbet il-Baċellerat tal-Malti (Unuri), b'teżi marbuta mal-pronunzja tas-suffissi pronominali *-aha, -ahom, -ahulu*. Fl-2012 iggradwat fil-qasam pedagoġiku u issa tgħallem il-Malti fl-MCAST.

**L-GĦAQDA POETI MALTIN BI *STAND* U B'SERATA TA' POEŻIJA WAQT IL-FESTIVAL TAL-KTIEB**

Din is-sena l-Għ.P.M. kellha l-*istand* tagħha waqt il-Festival tal-Ktieb. Fih wieħed seta' jsib għall-bejgħ ir-rivista VERSI u bosta pubblikazzjonijiet kemm tal-Għaqda kif ukoll tal-membri poeti tagħha. Nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Novembru, l-Għ.P.M. tellgħet ukoll Lejla ta' Poeżija fejn inqraw għadd ta' poeżiji b'ilsna differenti, fosthom bil-Malti, bl-Ingliż u anki bl-Għarbi minn membri u mill-pubbliku. Tnieda wkoll il-ktieb IRDIEDEN, l-ewwel ġabra ta' poeżiji tal-membru Jonathan Balzan li ġie wkoll intervistat minn Patrick Sammut.



**Jonathan Balzan intervistat minn Patrick Sammut**

**ĦARĠA ĠDIDA TAR-RIVISTA *LEĦEN IL-MALTI***

Nhar il-Ħadd, 17 ta' Novembru, l-Għaqda tal-Malti (Università) nediet ħarġa oħra (għadd 32) tar-rivista *Leħen il-Malti*. It-tnedija saret waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb fis-Sala Sir Temi Zammit, f'Dar il-Mediterran. Waqt din l-okkażjoni kopji tar-rivista tqassmu lill-kittieba li kkontribwixxew u anki lill-membri tal-Għaqda. Anki din l-Għaqda ħadet sehem fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb bi *stand* tagħha. Intant bħalissa hija miftuħa s-sejħa għal għadd 33. Il-kittieba huma mħeġġin sabiex jissottomettu l-kitbiet tagħhom skont il-linji gwida li jistgħu jinqraw fil-ħolqa: www.facebook.com/events/436555476446756/

**DUN KARM: TAMIETU BEJN NAZZJON U FIDI**

Nhar l-Erbgħa 27 ta' Novembru, saret taħdita pubblika dwar "Dun Karm: Tamietu bejn Nazzjon u Fidi" mill-istudjuż Charlò-Carmel Camilleri O.Carm. Din seħħet fl-Università, tal-Qroqq, fiċ-Ċentru għall-Konferenzi Mikiel Anton Vassalli (Gateway, Sala A). Avveniment bħal dan seħħ b'inizjattiva tad-Dipartiment tal-Malti tal-Università u l-Fondazzjoni Karmen Mikallef Buħaġar. Din il-Konferenza Karmen Mikallef Buħaġar issir kull sentejn bil-għan li ġġedded l-istudji dwar il-kitbiet u l-personalità letterarja tal-poeta nazzjonali. It-taħdita ta' Patri Charlò-Carmel Camilleri saret f'għeluq il-mitt sena mill-34 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li sar f'Malta fl-1913 u l-kxif tal-mafkar tal-Kungress, xogħol Antonio Sciortino. L-għan tagħha kien li tgħarrex il-bixriet inqas magħrufin tal-ħajja u l-kitba ta' Dun Karm, li bħala kittieb Malti b'sejħa ta' qassis u b'qalb ta' poeta kellu tamiet nazzjonali li jistħoqqilhom ħarsa mill-qrib. Din it-taħdita pubblika kienet ikkoordinata minn Dr George Farrugia tad-Dipartiment tal-Malti tal-Università.

**L-GĦAQDA TAL-MALTI TFAKKAR LIL FRANCIS EBEJER**

Nhar il-Ġimgħa 29 ta' Novembru l-Għaqda tal-Malti organizzat attività oħra fis-serje filMalti. Din id-darba fakkret l-20 sena mill-mewt ta' Francis Ebejer. Waqt din l-okkażjoni ntwerew siltiet mill-filmat tad-dramm *Il-Ġaħan ta' Binġemma*, ta' Francis Ebejer, li fih tispikka t-tema tal-kontinwità. Wara saret diskussjoni u *workshop*, immexxija minn Dr Joseph Axiaq, li ffukaw fuq din it-tema (li tispikka wkoll fir-rumanzett għall-eżami taċ-ĊES, *Il-Ħarsa ta' Rużann*). Kienu preżenti wkoll Damien Ebejer (iben Francis Ebejer) kif ukoll diversi kotba ta' Ebejer għall-bejgħ li wħud minnhom kienu tal-ewwel edizzjoni. Minħabba r-rabta ta' Francis Ebejer ma' Ħad-Dingli, din l-attività ttellgħet fis-sala tal-Kulleġġ Savio.

# L-AĦBARIJIET

**ĦARĠA ĠDIDA TAR-RIVISTA *VERSI***


Għaqda Poeti Maltin
ħarġa 2013/3
versi

ġużè CARDONA
25 sena mill-mewt tal-poeta
minn alfred MASSA

Ġużè Cardona twieled Ħal Qormi fit-30 ta' Marzu 1922. Huwa ħabb il-Malti sa minn tfulitu. Ħadem ħafna fil-qasam ċiviku f'raħal twelidu kif ukoll fil-qasam tal-Malti. Tant hu hekk li ma damx ma ssieħeb f'diversi Għaqdiet letterarji bħal L-Akkademja tal-Malti, l-Għaqda Letterarja Maltija u l-Għaqda tal-Malti (Univ.).

Huwa ddedika ħafna minn ħajtu jgħallem il-Malti kemm fl-iskejjel sekondarji, kif ukoll fil-Mater Admirabilis Training College u fl-Università.

Fil-qasam letterarju huwa għamel l-aktar isem meta fl-1972 ippubblika l-ktieb *Dun Karm: Ħajtu u Ħidmietu*. Kien ammiratur sew tal-Poeta Nazzjonali u kiteb diversi artikli dwaru f'rivisti u gazzetti Maltin. Ġieli ta anki taħdidiet dwar Dun Karm f'okkażjonijiet differenti. Meta f'pajjiżna kienet qamet polemika dwar Dun Karm, Cardona kien l-ewwel wieħed li ħareġ jiddefendih.

Barra minn hekk Cardona ħallielna xogħlijiet oħra; fosthom *Il-Knejjes ta' Ħal Qormi* (1947), *Manwel Gellel* (rumanz, 1961), *Is-Saħħar tal-Palazz* (ballata leġġenda poetika), *Il-Franċiżi f'Malta* (1978), *Alter Cristus* (Oratorio-poema) dwar San Franġisk u Ġabra poetika bl-isem *Canticum Quidicinesium*.

Ta' min ifakkar li fi Frar 1984 Cardona kien ħareġ bl-idea li f'pajjiżna għandhom jitwaqqfu Klabbs tal-Malti (jew aħjar Kultura Maltija). L-iskop ta' dawn il-Klabbs kien li jwassal lil dawk il-persuni interessati tagħrif dwar l-ilsien u l-kultura lokali.

ġużè CARDONA

versi 1

Dan huwa l-organu uffiċjali tal-Għaqda Poeti Maltin li ilu joħroġ tliet darbiet fis-sena sa mill-1986. Huwa mimli b'tagħrif marbut mad-dinja tal-poeżija. L-ewwel paġna hija ddedikata lil Ġużè Cardona li miet fl-1988, mela li għadu kemm għalaq 25 sena mejjet. L-Editorjal jittratta kittieba bħal Carmel Attard u Giovanni Curmi. Wieħed isib ukoll poeżiji ta' poeti kemm Maltin kif ukoll barranin, b'ilsna differenti, esejs ta' kritika letterarja bħala għajnuna lill-istudenti tal-Malti SEC u MATSEC, paġna ddedikata lill-poeta Għawdxi Joe W. Psaila, reċensjoniiet, aħbarijiet mid-dinja tal-poeżija, il-Messaġġ tal-President għal Jum il-Poeżija f'Ottubru li għadda, u intervista interessanti mal-poeta mill-Bosnija-Herżegovina, Sabahudin Hadžialić.

**JINTEMM IL-KONKORS NAZZJONALI TAL-POEŻIJA "MONS. AMANTE BUONTEMPO" 2013**

Nhar l-Erbgħa 27 ta' Novembru fil-Palazz tal-Arti Manifattura u Kummerċ, l-Għaqda Poeti Maltin tellgħet il-Lejla ta' Premjazzjoni tal-Premju Nazzjonali tal-Poeżija "Mons. A. Buontempo" 2013. Fid-diskors introduttiv tiegħu l-President, Charles Magro, irringrazzja lill-membri tal-Ġurija, feraħ lir-rebbieħa u talab lill-parteċipanti li ma rebħux biex ma jaqtgħux qalbhom imma jkomplu jinsistu u jtejbu l-kitba tagħhom. Ir-rebbieħa tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija 'Mons. A. Buontempo' 2013 huma:

**Sezzjoni tal-Malti -**
L-Ewwel: *Romanza lir-Rażan*, ta' Therese Pace
It-Tieni: *Kewkba Mitfija*, ta' Josef Borg
It-Tielet: *It-Teżor li ħbejt ġo fija*, ta' Stefano Farrugia
**Sezzjoni tal-Ingliż**
L-Ewwel: *Contemp(t)orary*, ta' Kristina Miggiani
It-Tieni: *Dictionary Blues*, ta' Therese Vella
Imsemmija b'Ġieħ: *Orisons of a Disgruntled Citizen*, ta' Therese Pace

**Sezzjoni tat-Taljan**
L-Ewwel: *Luci nel Tramonto*, ta' Jane Micallef
It-Tieni: *Caro Cuore*, ta' Dr. Michelle Muscat
Imsemmija b'Ġieħ: *Proposte all'Arno*, ta' Therese Pace.



**Ir-rebbieħa tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija 2013**

**SERATA MUŻIKO-LETTERARJA FIĊ-CIRCOLO GOZITANO**

Nhar il-Ħamis 28 ta' Novembru għadd ta' kittieba Għawdxin iltaqgħu flimkien u qraw xogħlijiet tagħhom li kienu jvarjaw minn proża, poeżija u esej. Inqraw ukoll xogħlijiet letterarji ta' kittieba Għawdxin li m'għadhomx magħna fosthom Ġorġ Pisani, il-Prof. Ġużè Aquilina, Mary Mejlak, Anton Buttiġieġ, Patri Mattew Sultana u l-Kan. Joe Mejlak. Din l-okkażjoni saret fuq l-inizjattiva tal-Kav. Joe M Attard li fi żmien qasir se jippubblika ktieb dwar Kittieba Għawdxin matul dawn l-aħħar Mitt sena. Intant, il-kittieba Għawdxin li laqgħu l-istedina u qraw xi xogħol tagħhom kienu jinkludu fost l-oħrajn lil Joe Camilleri, Charles Bezzina, Joe W. Psaila (li qrat żewġ poeżiji tiegħu s-sinjura Marja Zammit Borg billi l-poeta inzerta msiefer), Ġanninu Cremona, Dun Ġorġ Mercieca, Anton F. Attard, l-Avukat Alfred Grech u l-Kapuċċin Patri Remiġ Galea. Il-kantant Spiro Sillato u s-sopran Rosabelle Pavia komplew żejnu s-serata bis-sehem mużikali tagħhom.



Il-Milied it-Tajjeb mingħand **IL-PONT**

# L-INTERVISTA Giuseppe Napolitano



*Giuseppe Napolitano twieled fl-Italja, fil-belt ta' Minturno (Latina) u joqgħod f'Formia. Ħa l-Lawrea fil-Letteratura f'Ruma b'teżi dwar it-teatru surrealista Franċiż u għallem għal 33 sena. Illum hu impenjat fil-qasam tal-promozzjoni kulturali. Fl-2006 beda l-inizzjattiva editorjali* **la stanza del poeta**. *Fiha dehru xogħlijiet tiegħu u anki ta' kittieba bħal G. Drano, N. Stamberg, A. Iannacone, C. Vitale, S. Ermëllahu, A. Serna. E. Burgos, u bosta oħrajn minn pajjiżi differenti tal-Mediterran. Xogħlijietu ġew maqlubin f'ilsna bħall-Ispanjol, l-Albaniż, il-Grieg, l-Għarbi, il-Franċiż, l-Ingliż, il-Ġermaniż, l-Esperanto, ir-Rumen u anki l-Malti. Għal iktar tagħrif wieħed jista' jara www.giuseppenapolitano.wordpress.com jew www.lastanzadelpoeta.wordpress.com*

**Inti llum għandek wara spallejk karriera fil-qasam letterarju msejsa fuq numru sabiħ ta' pubblikazzjonijiet ta' natura varjata. Liema huwa l-iktar xogħol favorit tiegħek? Għaliex?**

Għandi "wara spallejja" – jew *fuq* spallejja, għax qed tibda tinħass – karriera (erbgħin sena abbondanti) bi tmenin pubblikazzjoni... differenti, differenti ħafna, tal-poeżija l-aktar (anki traduzzjonijiet minn ilsna klassiċi u moderni). Hu ħafna diffiċli ngħid liema waħda hija l-favortita minn dawn kollha. Oġġettivament, *Parola di parole* (tal-1988) hu ktieb importanti ħafna, minħabba r-riċerka lingwistika li tikkaratterizzah; imma hu importanti wkoll – għall-istess raġunijiet – *Quadernetto* (2010)... imma forsi l-"favorit", iktar fuq livell sentimentali milli artistiku, hu *insieme a te io sono nato ancora* (2002), iddedikat lit-twelid ta' binti (u ppubblikat mill-ġdid ftit xhur ilu, b'żidiet, bit-titlu ġdid *È questo un figlio?*).

**Inti impenjat ukoll fil-qasam kulturali. Tagħti anki ħafna spazju lil kittieba oħrajn, inklużi dawk li għadhom jibdew. Xi tgħid dwar dan? Kemm joħodlok ħin dan?**

Jeħtieġ insir iktar egoista u ma niddedikax daqstant ħin insegwi l-awturi emerġenti, imma l-promozzjoni kulturali qiegħda fil-kodiċi ġenetika tiegħi. Fil-kullana ta' pubblikazzjonijiet żgħar li ili nidderieġi għal sitt snin, *la stanza del poeta*, (li waslet f'għadd numru 90 u li nqassam b'xejn), nospita bosta awturi żgħażagħ u nittraduċi minn ilsna oħrajn, ftit jew wisq magħrufin. Naħseb li hu d-dover tiegħi bħala poeta u għalliem tal-letteratura... inxerred ukoll ilħna oħrajn, apparti dik tiegħi. Norganizza wkoll laqgħat u qari f'ħanut tal-kotba żgħir fil-belt fejn ngħix. Iva, joħodli ż-żmien, imma konvint li qed nagħmel favur lil-letteratura, lill-poeżija.

**Qed taħdem fuq xi proġett letterarju personali bħalissa? Kieku kellek tagħżel bejn poeżija u narrattiva x'tagħżel? Għaliex?**

Qiegħed naħdem fuq ktieb tal-poeżiji ġdid li se joħroġ daqs sentejn oħra. Fil-kullana *la sanza del poeta* se joħorġu, fil-bidu tas-sena d-dieħla, żewġ ġabriet ta' poeżiji tal-vjaġġ (Franza u l-Balkani). Intant norganizza lejljiet kulturali u laqgħat poetiċi internazzjonali (f'Gaeta: "Yacht Med Festival. Il viaggio della parola")... Il-poeżija tagħtini ċ-ċans li nesprimi l-uċuħ differenti tiegħi, nuża għalhekk reġistri ta' kitba differenti fil-versi. Ma nħossnix adatt għan-narrattiva (meta kont tifel bdejt żewġ rumanzi, imma wara sebgħin paġna kont negħja nimxi wara l-personaġġi u nfittex ambjenti). Għalhekk nippreferi s-saġġistika u l-kritika letterarja. **[Din l-intervista saret f'Jannar 2013]**

**POESIA**

Cresci
e piú forte ogni giorno
ti seguo

rinnovato
consumandomi nel tuo
crescere di me

e puoi finirla tu *da sola*
la mia poesia
- sei tu

# IL-KTIEB U L-KITTIEB MADWAR ID-DINJA

**Patrick Sammut**

Min hu midħla tal-gazzetti jaf li madwar il-globu jseħħu ta' kuljum attivitajiet marbutin kemm mal-ktieb kif ukoll ma' kittieba differenti. Ta' kull sena jiġi organizzat il-Premju Nobel fil-Letteratura. L-awtriċi Kanadiża **Alice Munro** rebħet dan il-Premju prestiġġjuż għas-sena 2013. Ġiet deskritta bħala "master" tar-rakkont kontemporanju. Fost il-kotba ta' din il-kittieba ta' 82 sena, wieħed isib *Dear Life* (2012) u *Dance of the Happy Shades* (1968), l-ewwel ġabra ta' rakkonti tagħha. Hija t-tlettax-il mara li rebħet dan il-Premju minn mindu twaqqaf fl-1901. Il-Premju hu ta' 770 elf lirea sterlina. L-ewwel storja ta' Munro kienet *The Dimensions of a Shadow* (1950). Fl-2009 rebħet il-Man Booker International Prize għax-xogħol kollu tagħha. Hija wkoll l-ewwel kittieb Kanadiż li rċieva dan il-Premju wara Saul Bello li rebħu fl-1976. Kotba oħra tagħha huma *Lives of Girls and Women* (1971), *Who Do You Think You Are?* (1978), *The Progress of Love* (1986) u *Runaway* (2004).

Fil-21 ta' Settembru li għadda miet il-poeta mill-Ghana **Kofi Awoonor**. Huwa kien fost dawk li sfaw maqtula matul attakk minn ġellieda tas-Somalja f'ċentru kummerċjali f'Nairobi. Il-Professur Awoonor kellu 78 sena u fi ftit jiem kellu jipparteċipa f'Festival tal-Letteratura ewlieni f'Nairobi. Awoonor huwa kuġin tal-poeta Kwame Dawes, anki hu oriġinarjament mill-Ghana, imma li llum joqgħod fl-Istati Uniti. Awoonor kien Ambaxxatur għall-Brażil u Kuba u rappreżentant fi ħdan il-Ġnus Magħquda. Huwa meqjus bħala wieħed mill-poeti ewlenin fl-Afrika, li kien jispira ruħu mit-tradizzjoni orali ta' niesu. Għadda xi xhur fil-ħabs. Ippubblika ġabriet ta' poeżija bħal *Rediscovery and Other Poems* (1964), *Night of my Blood* (1971), u *The House by the Sea* (1978), u anki rumanzi bħal *This Earth, My Brother* (1971) u *Comes the Voyager at Last* (1992).

Fl-1 ta' Ottubru miet il-kittieb u storiku Amerikan **Tom Clancy**. Huwa twieled f'Baltimore fl-1947 u kien magħruf l-aktar għar-rumanzi ta' spjunaġġ ambjentati fiż-żmien tal-Gwerra l-Bierda u wara. Ġew mitbugħa mal-mitt miljun ktieb tiegħu. Jibqgħu jissemmew *The Hunt for Red October* (1984), *Red Storm Rising* (1986), *Patriot Games* (1987), *Debt of Honor* (1994), u oħrajn.

Intant is-sit internazzjonali **Amazon** neħħa bosta kotba elettroniċi mill-ħanut virtwali tiegħu li jittrattaw it-tema tal-abbuż. Dan wara li rapport ġibed l-attenzjoni dwar għadd ta' titli li kienu jintrabtu ma' vjolenza karnali, inċest u bestjalità. Minkejja dan xorta għad hemm disponibbli bosta kotba elettroniċi oħrajn ta' dan it-tip. Il-BBC skopra li fis-sit tal-Amazon, il-funzjoni tas-*search* kienet qed ittella' awtomatikament ismijiet ta' kotba espliċiti anki meta wieħed kien jittajpja kliem sempliċi, mingħajr ma kien qed ikun hemm verifikazzjoni tal-età ta' min kien qed juża dan is-servizz. Avukat partikulari qal lill-BBC li l-bejjiegħa jistgħu jinsabu ħatja ta' offiża kriminali minħabba li ħallew kontenut bħal dan jidher bla ebda mekkaniżmi ta' protezzjonji. Dan qed iseħħ fl-Ingilterra, mentri ironikament hawn Malta qed tiġi mgħollija m'ogħla s-sema - u fuq kollox minn djar tal-pubblikazzjoni ewlenin - psewdo-letteratura li ddur madwar xeni ta' vjolenza, qtil, stupru, kontenut sesswali espliċitu u kliem vulgari; xogħlijiet immirati biex jilħqu fuq kollox pubbliku żagħżugħ.

Fil-**Zwolle**, fl-Olanda, knisja Dumnikana tas-seklu 15 ġiet mibdula f'ħanut tal-kotba modern b'żieda ta' 700 metru kwadrat iddedikat lil dawk li jixtiequ jixtru. Il-periti kellhom l-isfida li jżommu intatti l-elementi storiċi kollha ta' dan il-bini li jgħodd mal-547 sena, inklużi t-twieqi u s-soqfa mpinġija, l-orgni u l-arkati. Il-periti rnexxielhom iżidu tliet livelli laterali fejn huma esposti eluf ta' kotba u użaw l-istess kuluri oriġinali biex jimitaw l-intern tal-katidral u jassiguraw li jinżamm l-ispirtu oriġinali ta' post bħal dan.

Fis-17 ta' Novembru mietet il-kittieba mill-Persja (illum l-Iran), **Doris Lessing**. Hija kienet rebħet il-Premju Nobel fil-Letteratura tal-2007. Kitbet drammi, poeżiji, rakkonti qosra, rumanzi u bijografiji. Fost ix-xogħlijiet tagħha nsibu *The Grass is Sailing* (1950), is-serje ta' ħames rumanzi magħrufin kollettivament bħala *Children of Violence* (1952–69), *The Golden Notebook* (1962), *The Good Terrorist* (1985), u l-ħames rumanzi li kollettivament huma magħrufin bħala *Canopus in Argos: Archives: Archives* (1979–1983).

# GĦETIEBI MIKULA

Amanda Busuttil

**KITBIET MILL-ĠENERAZZJONI KITTIEBA TAL-FUTUR**

L-antoloġija *Għetiebi Mikula* tippreżenta xogħol ta' għaqda ta' artisti għalenija, li flimkien ingħaqdu biex jiċċelebraw għan wieħed, dak li jesprimu d-don tagħhom fil-kitba bil-lingwa Maltija li dejjem turina kemm tassew hija lingwa flessibbli li kapaċi tadatta ruħha għaċ-ċirkustanzi ta' kull żmien f'din l-epoka hekk imsejħa 'ta' moderniżmu' li qed ngħixu fiha. Antoloġija minn qoxra sa qoxra żagħżugħa, maħduma minn grupp ta' żgħażagħ li taw tweġiba ċara li l-ktieb baqa' jiġi ppreferut u jibqa' jżomm postu. Għalkemm dawn iż-żgħażagħ żgur jagħmlu użu mit-*tablets*, *laptops* u kompjuters, xorta waħda stinkaw biex jagħżlu t-triq it-twila, li żgur kienet mimlija sfidi kbar sa ma waslu.

Inizjattiva bħal din hija waħda li tassew ħaqqha li tiġi ċċelebrata u apprezzata aktar. Ħafna drabi, min jinsab midħla f'dan il-kamp tal-kitba, tisma' ħafna żgħażagħ b'qalbhom maqtugħa li hemm aktar x'jaqtagħlhom qalbhom, milli xi jħeġġiġhom ikomplu. U dak li jkun jistaqsi għaliex qiegħed jiġri dan? Żgħażagħ ġodda li jridu jesponu l-arti letterarja għandhom isibu appoġġ m'għand il-pubblikaturi ewlenin ta' pajjiżna u mhux dejjem pronti jiġġudikaw jew iriduk tkun famuża qabel jafdawk.

Taf x'naf żgur, illi l-kittieba prominenti li hawn f'pajjiżna u l-ġganti ta' qabilna, li għadna ngawdu xogħolhom sal-lum, waslu biex saru famużi għax proprju sabu lil min tahom l-appoġġ kollu biex jibdew! Kieku ħadd ma tahom iċ-ċans, kieku llum ma nafux bihom. Il-kittieba l-ġodda Maltin għandhom bżonn dan it-tip ta' appoġġ u l-arti tal-kitba hemm bżonn li titieħed b'aktar serjetà daqskemm kienet dari u daqs forom oħra ta' arti.

Jiena dejjem skantata kif jien u naqra l-esperjenzi tal-kittieba missirijietna, jirrakkontaw kemm kien żmien diffiċli u ta' għaks u minkejja din it-tbatija kienu jirnexxu. Forsi n-nies kellhom aktar sens ta' għaqda, għall-kuntrarju tal-lum li ħlief l-għira, it-tpattija u l-preġudizzju u l-klikek ma jsaltnux. Sirna aktar 'edukati', 'moderni' u kulħadd jaf ir-riżultat kuntrarju li ħareġ minn dan it-taparsi tajjeb li ngħidu li lħaqna.
F'din l-antoloġija wieħed jista' jqis bil-kalkoli tiegħu li ċerti kittieba, jekk jingħataw spazji akbar, għad ikunu dawk li jissemmew fl-Istorja tal-Kitba tal-futur; hemm oħrajn li għakemm għadhom fil-bidu nett jinsabu fuq il-linja t-tajba u jippromettu. Wieħed jista' jsib festa ta' stili differenti u hemm kittieba li jippreżentaw ġeneri li għadhom iridu jiżviluppaw fil-kitba lokali; ftit persuni biss għadhom nisġuhom, bħall-istil tal-fantaxjenza bil-Malti.

Wieħed jista' jaqra temi varjati ta' poeżiji whud moderni kif ukoll tradizzjonali. Il-ktieb ġie ddedikat għall-mibki Dun René Cilia li ħallilna l-ktieb *Is-Saltna tal-Ħamsin* qabel sellmilna biex jibqa' jsegwina minn fuq is-sħab tal-ġenna. Fuq kollox dan il-ktieb huwa risposta tassew preċiża għal min jgħid li spiċċa jkun hawn żgħażagħ li jwettqu l-ġid.

Nagħlaq billi nikkwota lill-fundatriċi ta' 'One for All and All for One', is-Sinjura Joyce Bonello: "Dan il-ktieb li għandkom f'idejkom seħħ grazzi għall-kollaborazzjoni kostanti ta' Joseph Sultana u Kit Azzopardi. Il-qligħ se jkun ta' għajnuna għal Angela House fi G'Mangia li hija dar tat-tfal immexxija mis-sorijiet." Il-ktieb jinsab għall-bejgħ mill-ħwienet tal-kotba ewlenin jew idħol fuq www.josephsultana.com għal aktar informazzjoni.



# IL-POEŻIJI

**WOMAN**

To her, Nature has been kind and cruel.
Fitted her with a heart that walks her
strong, fragile, her soft pulpous endocarp
tender with pain, flexed with resilience.

In her special ordinariness she watches
the world go by; suffers at its hands;
appeases, dispensing with favours like
bucketfuls of rain upon the sidewalk.

A buttress, earthquakes will not shift her.
Grappling, she vigils on midnight fevers;
dims, recedes, draping her corporeity
around her sentiments like a tee shirt.

Her kinkiness has punch. Her dignity
is weighed with mien. She carries creation
on her navel like a pinafore. Man installs
himself in the palace of her heart like

original sin. Because of him she grows
boughs upon trees, reaches for the moon;
dwarfs, thrifting on choices and desires,
learning to soar and nosedive.

Her breasts are milk and honey. On them
she wears her talisman like a scimitar,
her paradox like a broach: lantern,
olive sprig, sponge and kernel stone.

**THERESE PACE**

**LIL OĦTNA L-KBIRA L-PAĊI**
**(*biex jitkanta mit-tfal*)**

'Paċi' ngħajtu ġewwa l-pjazez
'Paċi' ngħajtu fit-triqat
'Paċi' nsemmgħu minn ġot-twieqi
Qalb id-djuq u fil-wesgħat.

Kullimkien in-nies tistenna
Sliem bejn l-aħwa, qalb l-ulied
Paċi rridu u rieda tajba
Tgħib il-firda, jgħib il-ġlied.

***Rit:*** *Ejjew Tfal ħallu d-djar tagħkom*
*Ħa ninġabru lkoll flimkien*
*Biex insellmu l-Ħabib tagħna*
*Lil Ġesù l-Prinċep tas-Sliem*

Sliem bejn l-għonja 'l għandhom ħafna
Biex mill-ġid, jagħtu 'l-fqajrin
Ħalli d-dinja nibdlu f'ġenna
Fejn ilkoll ngħixu henjin.

Sliem fis-sema lill-qawsalla
Li Int tifrex fuq kulħadd
Għax b'imħabbtek Int iżżommna
Biex fil-ġlied ma nehdew qatt.

***Rit:*** *Ejjew Tfal ħallu d-djar tagħkom*
*Ħa ninġabru lkoll flimkien*
*Biex insellmu l-Ħabib tagħna*
*Lil Ġesù l-Prinċep tas-Sliem*

Int Missier tar-razez kollha
Ta' kull lewn u ġilda u ġmiel
Ta' kull fehma u fidi u sura
Żommna bogħod mill-hemm u x-xkiel.

'Paċi mela l-bnedmin kollha'
Illum ngħajtu ferħanin
Ħalli jgħibu l-ġlied u l-gwerer
Ngħixu hienja ma' xulxin.

***Rit:*** *Ejjew Tfal ħallu d-djar tagħkom*
*Ħa ninġabru lkoll flimkien*
*Biex insellmu l-Ħabib tagħna*
*Lil Ġesù l-Prinċep tas-Sliem*

**DUN GEOFFREY G. ATTARD**

**PAINT YOUR LIFE A LITTLE MORE COLORFUL**

Paint your life a little more colorful,
Put on your canvas more green,
Let your landscape appear serene,
Life, by the way, is beautiful!
Please don´t paint too much gray:
Gray trees under modern gray towers,
Don´t be afraid to paint more flowers,
And shed light on your gloomy day!

**ADOLF P. SHVEDCHIKOV**

# MINN FUQ L-IXKAFFA




***ĊRIEKI FL-GĦADIRA*** **ta' Ġorġ Borg, 2013**

Din hija ġabra ta' poeżiji ġdida mill-pinna ta' dan il-poeta Karkariż. Il-poeżiji fiha nkitbu bejn l-2005 u l-2013. Għandha Daħla kritika tal-Professur Oliver Friggieri. Dawk ta' Ġorġ Borg huma poeżiji konċiżi mill-isbaħ, miktubin b'Malti sempliċi imma b'tifsiriet li jmorru lil hinn mil-letterali. Friggieri nnifsu jikteb hekk: "Huma poeżiji miktubin bil-ħlewwa, b'burdati li ma huma xejn ħlief burdata waħda, tipika ta' poeta ta' veru, awtentiku li jaf li l-Poeżija hi anki torment, esperjenza li ebda kelma ma tasal tfisser tajjeb. F'atmosfera dejjiema ta' trankwillità, bħallikieku fi bnazzi mingħajr waqfien, Ġorġ Borg jitkellem ma' Alla, miegħu nnifsu u ma' figura ideali [...] Is-serenità tal-kontenut hi mfissra l-aktar bl-iskoperta tas-sigrieti armonjużi, mużikali, tal-lingwa mħaddma poetikament."




***MILL-KEXXUN T'ISFEL*** **ta' Alfred Palma, Pubblikazzjoni Bronk, 2013.**

Isem Alfred Palma jintrabat l-iktar mal-qasam tat-traduzzjoni. Imma Palma jikteb ukoll poeżiji, drammi, rumanzi, saġġi u anki novelli u stejjer qosra. Hawnhekk insibu ġabra ta' 25 novelli, stejjer u kitbiet oħra, li Palma kiteb bejn l-1960 u l-preżent. Kif jikteb hu stess fid-Daħla, "Fihom wieħed isib dawk l-elementi kollha li jirriflettu l-bidla li jġib miegħu ż-żmien, l-effetti li jħallu warajhom 50 sena ta' tibdil, taqlib u taħwid. Stili differenti ta' ħajja, kollox minbarra l-essenza tal-bniedem innifsu li, jgħaddu kemm jgħaddu snin, ma tinbidel qatt." F'dawn il-kitbiet "imqarbin" Palma jikxef l-umaniżmu fir-rikkezza u l-faqar tiegħu, fl-essenzjalità u fl-inutilità tiegħu, fl-illużjoni eterna ta' hena li l-umaniżmu jilbes tul ħajja sħiħa u li tibqa' taħbi sal-aħħar it-traġedja li titwieled, tgħix u tmut miegħu.




***IL-BARUMBATI TA' BETTA TROMBETTA*** **ta' Carmel G. Cauchi, Merlin Publishers, 2013.**

Din hija edizzjoni ġdida tal-ktieb li kien ħareġ fl-1983 bl-istess isem. Fiha l-awtur irreveda l-istejjer (għaxra b'kollox) u bidel xi dettalji biex ġew iktar jaqblu maż-żmien tal-lum. Betta Trombetta tgħix fir-raħal ċkejken ta' Ħal Faqqus u hija tifla fuq ruħha u li tagħmel barumbata wara l-oħra u tidħol f'ħafna inkwiet minħabba li ma taħsibhomx. Imma mhix tifla qalbha ħażina u malajr jiddispjaċiha meta tkun daħħlet lil ħaddieħor fil-għawġ. Għal dawn li qatt ma qraw l-avventuri ta' Betta Trombetta Carmel G. Cauchi jikteb id-Daħla "Biex Niftiehmu Sew" u b'hekk idaħħalhom sew fl-ambjent u fil-karattru ta' dan il-personaġġ li jżgur se jinżel għasel mat-tfal li japprezzaw rakkonti sempliċi, nodfa u fuq kollox divertenti.